VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,676, 19 ta' Novembru, 2010*
*Taqsima B*

---

**A.L. 486 tal-2010**

## ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (KAP. 435)

### Regolamenti ta' l-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema Kummerċjali tal-Komunita` Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema Kummerċjali tal-Komunita` Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra, u dawn għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2005 dwar Skema Kummerċjali tal-Komunità Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 140 tal-2005.

Jemenda regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minflok it-tifsira "il-Ministru" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

""il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Politika dwar it-Tibdil fil-Klima;".